MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 372/2009

**Avukat Dr Kris Borg**
**ID10768-(M)**
**bhala mandatarju specjali ta'**
**Derek Clackson**

**vs**

**Petrovic Vesko**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' €900, liema somma tirraprezenta valur ta' *satellite dish* u apparat relatat li l-konvenut qabad u illegalment u abbuzivament approprja ghalih. Illi l-konvenut gie debitament interpellat ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talb[a] attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex assolutament mhuwiex minnu illi l-konvenut illegalment u abbuzivament approprja ghalih satellite dish u apparat tal-konvenut. Illi l-konvenut zgur li ma kkawza ebda danni lill-attur kif minnu allegat. Illi ghall-kuntrarju huwa l-attur Derek Clackson li fil-konfront tal-konvenut agixxa b'mod illegali u abbuziv u dan kif se jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza. Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

B'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lill-istess konvenut fil-konfront tal-attur Derek Clackson.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob hlas tas-somma ta' disa' mitt Euro (€900), liema ammont jirraprezenta spejjez li nkorra l-istess attur sabiex saret installazzjoni ta' *connection* ma' *satellite dish* li gie installat fuq l-arja tal-block ta' appartamenti li kien jghix fih l-istess attur. Illi l-attur huwa proprjetarju ta' appartamenti fil-block ta' appartamenti mgharuf bl-isem *Capitol Mansions Block B*, tas-Sliema. Illi l-istess attur iddikjara illi bi qbil ma' gar tieghu, gie installat satellite dish fuq il-bejt tal-block, u dan is-satellite dish kien fih tliet-(3) *feeds*, wahda tal-gar, wahda ghal gewwa l-appartament tieghu, u wahda ghal gewwa l-appartament tal-konvenut. Illi l-istess attur isostni illi ghalkemm is-*satellite dish* li gie installat ma kienx tieghu, hu ghamel xi spejjez ukoll sabiex saret l-istand li mieghu twahhal is-*satellite dish*, kif ukoll *sun guards*, oltre li kien mehtieg li jinkariga s-servizzi ta' diversi persuni sabiex setghet issir il-konnessjoni minn din is-*satellite dish* ghal gewwa l-appartament tieghu. Illi l-attur qed jipproponi din l-azzjoni fil-konfront tal-konvenut ghaliex isostni illi l-istess konvenut waqqfu u qed jimpedih milli jkompli jghamel uzu mis-satellite

dish u l-apparat in kwistjoni, u ghalhekk qed jitlob refuzjoni minghand l-istess konvenut ta' dawk l-ispejjez li nkorra inutilment.

Illi l-konvenut, u martu, da parti taghhom iddikjaraw illi huma wkoll huma proprjetarji ta' appartament fl-istess *block* ta' appartamenti. Illi fis-sular ta' fuq tal-*block* hemm penthouse, u kien l-istess konvenut – anzi martu – illi talbu lill-proprjetarju ta' dan il-penthouse sabiex jippermettilhom illi jinstallaw *satellite dish* fuq l-arja tieghu, liema permess inghata lilhom. Illi l-ewwel *satellite dish* li gie nstallat kien ta' gar tal-istess partijiet, u cioe' ta' certu Kriekart; madanakollu, dan eventwalment telaq minn dan il-block, u ha s-*satellite dish* mieghu. Illi meta kien ghad hemm dan is-*satellite dish* ta' Kriekart, kien hemm installati LNBs tal-istess Kriekart u tal-partijiet kontendenti. Meta telaq Kriekart, u ha s-*satellite dish* mieghu, il-konvenut irimpjazza dan is-*satellite dish* b'wiehed tieghu, li 'gia kien fil-pussess tieghu. Illi l-konnessjoni tal-attur ma' dan is-*satellite dish* baqghet f'postha, u dam jghamel uzu minnha bejn l-2005 sal-2008. Illi fl-2008 kien hemm maltempata qawwija, u dan is-*satellite dish* gratlu xi hsara. Illi ghalhekk il-konvenut gie kostrett li jghamel xi tiswija u anke bidel xi partijiet mill-apparat tas-satellite dish, bhal m'huwa d-decoder. Illi f'dak iz-zmien partikolari, l-attur kien imsiefer minn dawn il-Gzejjer, u kien jigi Malta izda mhux b'mod regolari. Illi meta gie lura Malta u sab illi ma kellux aktar konnessjoni mas-sistema tas-satellita, hu avvicina lill-konvenuti sabiex jilmenta maghhom dwar dan; huma da parti taghhom gharrfuh dwar il-hsara li kienet garrbet is-sistema, u li kien hemm il-htiega li tinbidel. L-istess konvenut talabhom sabiex jerga' jqabbad il-*connection* mas-sistema, izda l-konvenut irrifjuta. Illi in segwitu ghal dan, l-attur xorta ghadda sabiex qabbad il-*connection* tieghu ma' din is-sistema, u l-konvenuti jsostnu illi anke qaccat is-sistema taghhom. Tali episodji graw diversi drabi, u ghalhekk il-konvenut anke ghamel xi rapporti kontra l-attur fl-Ghassa tal-Pulizija tas-Sliema. Illi l-istess konvenut baqa' jinsisti illi l-attur m'ghandux iqabbad mas-sistema tas-satellita, ghaliex din hija proprjeta' tieghu u ta' martu, u kienu huma li ottjenew il-permess minghand il-proprjetarju tal-*penthouse* sabiex jigi installat dan is-*satellite dish*.

Illi xehed ukoll Joe Cassar Aveta, li huwa habib tal-proprjetarju tal-*penthouse* li fuq l-arja tieghu gie installat is-*satellite dish* in kwistjoni. Illi hu kkonferma illi l-proprjetarju tal-*penthouse,* kien ta l-permess lil mart il-konvenut sabiex jigi installat *satellite dish* fuq l-arja tal-penthouse proprjeta' tieghu. Illi l-istess xhud iddikjara illi hu gie affidat mill-proprjetarju sabiex jaghti access 'l min ikun mehtieg jitla' fuq l-arja tal-*penthouse*, ghal skopijiet ta'

manutenzjoni, u ddikjara illi kien avvicinah diversi drabi l-attur sabiex jitolbu jaghtih access ghal fuq l-arja tal-*penthouse* minhabba allegati problemi fit-tank tal-ilma tal-appartament tieghu, kif ukoll fil-*connection* mas-satellita. L-istess attur kien avvicinah fl-2008 sabiex jitolbu access ghal fuq l-arja tal-*penthouse* ghaliex kien hemm problema dwar is-*satellite connection*, u dan ix-xhud gharrfu illi l-konvenut kien bidel is-sistema kollha minhabba xi hsara li kienet garrbet is-*satellite dish* aktar kmieni dik l-istess sena. Iddikjara illi jaf illi z-zewg partijiet kontendenti f'din il-kawza kienu qed jilmentaw dwar xi hsara fis-sistema, u jaf ukoll illi kien hemm xi okkazjonijiet meta l-wires li jwasslu ghal gewwa l-apparament tal-konvenut kienu gew mqaccta, u li ghalhekk kien jehtieg illi jergghu jigu installati. Iddikjara wkoll li ma jafx min kien il-proprjetarju tas-*satellite dish*, ghalkemm iddikjara wkoll illi l-kunsens u awtorizazzjoni li kien nghata mill-proprjetarju tal-*penthouse* sabiex jigi nstallat *satellite dish*, kien inghata specifikament lill-konvenut.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob refuzjoni minghand il-konvenut ta' flus li nefaq sabiex saret il-*connection* bejn is-*satellite dish* li gie installat fuq il-bejt ta' terzi ghal gewwa l-appartament tieghu. Illi din l-azzjoni giet proposta ghaliex l-istess attur m'ghadx ghandu *connection* ma' dan is-*satellite dish*, u dan wara li l-konvenut ma ppermettilux aktar li jqabbad *feed* ma' din is-satellita.

Illi mill-provi li tressqu mill-partijiet irrizulta illi lura fl-2005 gie installat *satellite dish* fuq l-arja ta' *penthouse*, proprjeta' ta' terzi; illi dan is-satellite dish kienu qed jghamlu uzu minnu tliet-(3) persuni, u cioe' certu Kriekart – li kien il-proprjetarju tas-*satellite dish* – u l-partijiet kontendenti f'din il-kawza. Illi jidher illi kull parti hallset l-ispejjez mehtiega sabiex saret il-konnessjoni minn din is-*satellite dish* ghal gewwa l-appartament rispettiv taghhom. Illi l-attur isostni illi hu ghamel xi spejjez ohra, fosthom li kkummissjona lil persuna sabiex tghamel l-istand li maghha twahhal is-satellite dish. Illi eventwalment il-proprjetarju tas-*satellite dish*, Kriekart telaq minn dak il-block ta' appartamenti, u ha mieghu s-satellite dish in kwistjoni. Illi meta gara hekk, il-konvenut irrimpjazza dan is-*satellite dish* b'wiehed li 'gia kien fil-pussess tieghu. Illi l-partijiet komplew jghamlu uzu ghal xi zmien minn din is-sistema minghajr problemi u diffikoltajiet bejniethom. Illi eventwalment l-attur telaq minn Malta, u kien jigi biss minn zmien ghal zmien.

Illi f'wahda minn dawn l-okkazjonijiet meta gie lura Malta, sab illi ma kellux aktar *connection* mas-*satellite dish*, u meta ndaga dwar dan, rrizultalu illi l-konvenut kien bidel is-sistema kollha, jew parti kbira minnha, u dan ghaliex irrizultat hsara f'din is-istema minhabba l-maltemp. Illi minkejja f'dan, l-attur talab illi s-sistema tieghu terga' tigi *connected* ma' din is-satellite dish, u meta l-konvenut irrifjuta li jghamel dan, jidher illi l-istess attur ghamel il-*connection* hu. Illi konswegwenza ta' dan komplew kibru d-differenzi bejn il-partijiet, fejn is-sistema kemm tal-attur u dik tal-konvenut kienu qed jigu skonettjati, u kull parti kienet qed terga' tinkariga persuni tas-sengha sabiex jergghu jikkonettjawhom, liema sitwazzjoni rripetit ruhha madwar tliet-(3) darbiet. Illi l-konvenut ressaq diversi lmenti in rigward fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, oltre li wissa lill-attur sabiex ma jergax iqabbad mas-sistema, u dan ghaliex il-konvenut isostni li l-attur m'ghandux dritt li jqabbad is-sistema tieghu mas-*satellite dish* tal-attur.

Illi permezz ta' din id-decizjoni dan it-Tribunal mhux ser jittratta l-kwistjoni dwar jekk l-attur ghandux dritt, o meno, li jghamel uzu minn dan is-satellite dish, liema materja tezorbita l-kompetenza tieghu. Illi din id-decizjoni qed tigi limitata ghat-talba ghall-hlas li qed javvanza l-attur in kwantu qed isostni illi wettaq diversi spejjez sabiex inholqot struttura li maghha gie mqabbad *satellite dish*, u liema *satellite dish* l-istess attur kien qed jghamel uzu minnu sal-2008, izda imbaghad gie impediet milli jkompli jghamel uzu minnu mill-konvenut, u ghalhekk qed jitlob u jippretendi minghandu refuzjoni ta' dawn l-ispejjez ladarba gie mcahhad mill-uzu taghhom, u l-attur qed jittenta jaghti x'jifhem illi dawn baqghu jintuzaw u qed igawdi minnhom il-konvenut.

Illi permezz tad-deposizzjoni tieghu, l-attur spjega illi dan l-ammont huwa kompriz minn spejjez ta' apparat elettroniku ghas-satellita, li kien jammonta ghal hames mija disa' u ghoxrin Euro (€529.00), oltre illi inkariga persuna teknika sabiex dan l-apparat jigi installat u jigu mwahhla l-*cables* mehtiega, liema persuna kienet irceviet hlas fl-ammont ta' madwar mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120), ekwivalenti ghal mitejn disgha u sebghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€279.52c). Illi oltre dan kien hemm xi spejjez ohra, li kumulattivament jammontaw ghad-differenza bejn dawn l-ammonti u l-ammont mitlub f'din il-kawza. Illi in rigward l-apparat elettroniku li l-attur xtara u li allegatament twahhal mas-*satellite dish* in kwistjoni, l-attur ipprezenta diversi dokumenti (li jinsabu a fol.95 u 96 tal-atti), u liema dokumenti huma datati 31 ta' Mejju 2005. Illi filwaqt illi l-awtenticita' ta' dawn id-dokumenti ma gietx ikkontestata mill-konvenut, madanakollu, tali dokumenti jindikaw biss

oggetti, jew ahjar apparat, li l-attur jidher li xtara minn barra minn Malta, u li gew ikkonsenjati fl-indirizz li jidher li kien ir-residenza tal-attur f'dak iz-zmien, u cioe' fis-Siggiewi. Illi oltre dawn id-dokumenti – li madanakollu, fihom nfushom ma joholqu ebda ness mal-mertu ta' din l-azzjoni – l-attur ma ressaq ebda prova ohra in sostenn tat-talba tieghu, oltre illi in kontroezami rrikonoxxa illi s-*satellite dish* li gie installat originarjament kien ta' Kriekart, kif ukoll illi l-awtorizazzjoni ghall-installazzjoni ta' *satellite dish* fuq l-arja proprjeta' ta' terzi ma nghatatx lilu personalment.

Illi rrizulta wkoll illi s-*satellite dish* li hemm fil-prezent fuq l-arja proprjeta' ta' terzi, huwa proprjeta' tal-konvenut. Illi minghajr ma t-Tribunal jidhol fil-mertu dwar jekk il-konvenut ghandux dritt, o meno, li jwaqqaf lill-attur milli jghamel uzu minn dan is-satelliet dish – liema materja tezorbita l-kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal – rrizulta bhala stat ta' fatt illi l-attur m'ghandux aktar *connection* ma dan is-*satellite dish*, u huwa precizament ghalhekk illi qed jitlob refuzjoni tal-ispejjez imwettqa minnu originarjament. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi, mill-provi mressqa mill-partjiet, it-talba tal-attur ma rrizultatx sodisfacentement ippruvata, in kwantu ma rrizultax in-ness legali u guridiku li in bazi tieghu l-attur qed jitlob refuzjoni ta' spejjez minghand il-konvenut; dan in kwantu ma rrizultax illi l-allegati spejjez inkorsi mill-attur effettivament intefqu sabiex seta' jsir uzu mis-satellite dish in kwistjoni, u lanqas ma rrizulta illi dawn l-allegati spejjez saru ghall-beneficcju u sabiex seta' jsir uzu tas-*satellite dish* mhux biss mill-attur, izda anke minn persuni ohra inkluz il-konvenut. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi dak li gie allegat mill-attur fl-Avviz tat-Talba, u cioe' illi l-konvenut "... illegalment u abbuzivament approprja ghalih is-*satellite dish* u apparat relatat ..." ma giex sodisfacentement ippruvat, u kwindi t-talba tal-attur m'hix gustifikata.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qed jichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez ta' din il-kawza jkunu a karigu tal-attur.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------